MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 627/1984/1

**Vivian Gatt ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Vivian Commercial Corporation Limited**

**vs**

**Carmelo Grima**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin liri, tmenin centezmu u hames millezmi (Lm3261.80,5) bilanc ta' somma akbar

rappresentanti l-prezz minnu migbur ta' diversi oggetti li hu biegh ghan-nom tas-socjeta attrici (Dok. A);

Illi skond l-istess Dok. A, li jgib id-data tat-18 ta' Jannar 1984, il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-imsemmija somma in kwantu ghal elf lira (Lm1,000) fil-25 ta' Jannar 1984 u inkwantu ghall-bilanc immedjatament kif jottjeni facilitajiet ta' self minghand il-fergha t'Ghawdex tal-Mid-Med Bank Limited;

Illi l-konvenut la hallas l-Lm1,000 li hu intrabat li jhallas fil-25 ta' Jannar 1984 u l-anqas ottjena l-facilitajiet ta' self imsemmija minghand il-fergha t'Ghawdex tal-Mid-Med Bank Limited;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1,000 fuq imsemmija li huwa suppost hallas fil-25 ta' Jannar 1984; u

2. Jigi stabbilit zmien qasir u perentorju, fl-iskadenza ta' liema terminu l-bilanc tas-somma ta' Lm3,261.80,5 fuq imsemmija (cioe' Lm2,261.80,5) jigi ikkunsidrat bhala dovut jekk fl-istess terminu l-konvenut ma jottjenix il-facilitajiet ta' self imsemmija mill-fergha t'Ghawdex tal-Mid-Med Bank Limited;

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 1984 u bl-imghax legali konra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talba tal-attur nomine hija infondata fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi l-allegata kont sar unilateralment mill-attur nomine u bl-ebda mod ma jirraprezenta l-bilanc li allegatament ghandu jghati l-konvenut;

3. Illi meta saret il-firma tal-konvenut dina saret taht pressjoni kbira u theddid min-naha tas-socjeta attrici u l-istess konvenut iddikjara li kien qed jiffirma biex jekk isib li ghandu jaghti xi haga lis-socjeta attrici, huwa jaghtieha;

4. Illi fil-fatt kull transazzjoni li saret bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut saret "cash sale" u huwa dejjem hallas il-kontijiet kollha li kienu jipprezentawlu meta jmur ghax-xoghol;

5. Illi fil-fatt ukoll is-socjeta attrici biddlet l-ammont allegatament dovut u dana jidher fl-istess dokument esebit a fol. 5 tal-process u dana sar wara l-istess socjeta' ivverifikat xi ftit mill-kontijiet;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn gie eccepit illi din il-Qorti mhux kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza ghaliex huwa Ghawdxi u jesigi d-dritt tal-"privilegium fori" u ghalhekk il-kawza ghandha tinstema' quddiem tribunal f'Ghawdex;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-27 ta' Lulju 1989 li biha giet akkolta l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut u il-Qorti ddikjarat ruhha nkompetenti li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-pretensjonijiet tal-attur nomine u ghalhekk il-konvenut gie mehlus mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-12 ta' Frar 1992 li biha gie akkolt l-appell tal-attur nomine u

ghalhekk giet revokata l-imsemmija sentenza appellata u b'hekk l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut giet michuda;

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Marzu 1994 li bih gie mghoti terminu lill-konvenut sabiex jiddeduci b'kawza "ad hoc" il-pretensjoni tieghu li l-iskrittura li tinsab a fol.5 tal-process hi guridikament ineffikaci billi hi bbazata fuq zball u vizju tal-kunsens, billi l-konvenut iffirma taht pressjoni u li l-konvenut ghalkhemm iffirma la jaf jaqra u lanqas jikteb;

Rat li bhala konsegwenza tal-imsemmi digriet tas-16 ta' Marzu 1994 il-konvenut ippresenta kawza cioe c-citazzjoni numru 898/94 li giet deciza fil-21 ta' Novembru 1997. B'din is-sentenza giet akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta attrici, ovvjament socjeta konvenuta f'dik il-kawza. Fl-istess sentenza ntqal li l-eccezzjoni tan-nullita' tal-iskrittura (a fol.5) kif sollevata mill-konvenut f'din il-kawza hi eccezzjoni valida u ma jidher li hemm xejn li jista jostakola li dina l-istess eccezzjoni tigi deciza f'din il-kawza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju 1999;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici mac-citazzjoni esibit dokument (fol.5), li hu ffirmat minn direttur tas-socjeta attrici u mill-konvenut. Dan id-dokument, li jgib id-data tat-18 ta' Jannar 1984, fih xi konteggi li jwasslu ghas-somma finali ta' Lm3518.76. F'dan id-dokument hemm obbligazzjoni assunta mill-konvenut fis-sens li ghar-rigward tal-imsemmija somma ta' Lm3518.76 huwa kien lest li jhallasha lura lis-socjeta attrici billi jhallas is-somma ta' elf liri maltin (Lm1000) sal-25 ta' Jannar 1984 u l-bilanc kellu jithallas malli l-konvenut jottjieni self mill-fergha tal-Mid-Med Bank ta' Ghawdex. F'dan l-istess dokument hemm nota bid-data tas-6 ta' Frar 1984 fis-sens li s-somma indikata ta' Lm3518.76 kienet qed tigi sostitwita bis-somma ta' Lm3261.80,5. Jirrizulta li dan l-aggustament sar mill-istess socjeta attrici wara li

saru xi verifiki u instab li zewg entrati fl-istess dokument in effett kienu imhallsin;

A bazi ta' dan id-dokument is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenut fl-imsemmija somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin liri maltin u tmenin centezmu u hames millezmi (Lm3261.80,5) bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-prezz ta' diversi oggetti li l-konvenut biegh ghan-nom tas-socjeta attrici. Is-socjeta attrici fic-citazzjoni tippremetti li l-konvenut ghadu ma hallax xejn mill-imsemmija somma u ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma ta' Lm1,000 u li jigi stabbilit zmien qasir u perentorju li fih il-bilanc ta Lm2,261.80,5 ghandu jkun konsidrat bhala dovut f'kaz li entro dan it-terminu l-konvenut ma jottjenix il-facilitajiet ta' self gia imsemmijin;

Il-konvenut da parti tieghu jeccepixxi li il-kont ghar-rigward tas-somma indikata fic-citazzjoni sar unilateralment mis-socjeta attrici u l-istess somma bl-ebda mod ma tirraprezenta l-bilanc semmai dovut mill-konvenut. Il-konvenut jecepixxi ukoll li l-firma tieghu, fid-dokument indikat mis-socjeta attrici, saret taht pressjoni kbira u theddid min-naha tas-socjeta attrici. Il-konvenut f'dan ir-rigward jghid li huwa ffirma fis-sens li obbliga ruhu li jhallas fl-eventwalita' li jirrizulta li ghandu jaghti xi haga lis-socjeta attrici. Il-konvenut jeccepixxi li kull transazzjoni li saret bejnu u s-socjeta' attrici saret "cash sale" u huwa dejjem hallas il-kontijiet kollha. Effettivament, skond il-konvenut, is-socjeta attrici biddlet l-ammont allegatament dovut kif jidher mill-istess dokument esebit a fol.5 u dana wara li l-istess socjeta' ivverifikat xi uhud mill-kontijiet;

Jirrizulta li l-konvenut kien jiehu ordnijiet ghal medicinali minn xi spizeriji ta' Ghawdex u sussegwentement kien jigi Malta u jakkwista medicinali skond dawn l-istess ordnijiet minn diversi importaturi maltin, fosthom is-socjeta attrici.

Skond dirigenti tas-socjeta attrici l-konvenut kien jinghata dawn il-medicinali u, nonostante li ma jkunx hallas ghall-istess merkanzija, kien jinghata ukoll dokument fil-forma ta' "cash sale", li kien ikun intiz ghall-ispizeriji li jkunu ghamlu l-ordni relattiva u li kien ikun fih kemm jiswew il-medicinali ghall-istess spizeriji u l-prezzijiet ghal konsumatur. Il-konvenut kellu jghati dan id-dokument lill-ispizerija meta ssir il-konsenja tal-merkanzija u meta huwa kien jithallas ghall-istess ordni. Il-konvenut kien jigi Malta kull gimgha u kien ihallas lis-socjeta attrici ghal konsenja li jkun ha il-gimgha ta' qabel. L-istess dirigenti tas-socjeta attrici jikkontendu li l-konvenut halla l-kont jitla mhux hazin, tant li kelliu jghati madwar sitt elef liri maltin (Lm6000). Minn dawn il-konvenut hallas circa nofshom u ghar-rigward tal-bilanc saret l-imsemmija iskrittura cioe' dik tat-18 ta' Jannar 1984;

Kif gie rilevat il-konvenut qed jeccepixxi li l-kunsens tieghu kien ivvizjat meta ffirma l-imsemmi dokument stante li skond hu dak il-hin kien taht pressjoni kbira u kien mhedded. Dina l-allegazzjoni tal-konvenut, pero', ma tirrizultax sufficjentement pruvata;

Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu l-konvenut ma ghamel ebda allegazzjoni la dwar pressjoni u lanqas dwar theddid. F'dan ir-rigward il-konvenut jghid li huwa ffirma wara li kien ilu jargumenta s-sighat ma dirigent tas-socjeta attrici dwar jekk kienx hemm kontijiet tieghu pendenti jew le. Hu qal li ffirma ghaliex haseb li d-dokument kien jghid li ma kellu jghati xejn lis-socjeta attrici. Dan hu ghal kollox inverosimili. Wara argumenti, x'aktarx shan, ta diversi sighat il-konvenut ma setghax jippresumi li d-dokument kien jghid dak li huwa haseb li kien jghid. Wiehed mid-dirigenti tas-socjeta attrici jghid li l-konvenut iffirma wara li huma "ghafsu" lill-konvenut. Zgur li dan ma jammontax ghal pressjoni jew theddid tant li jista jinghad li l-kunsens tal-konvenut li jiffirma kien ivvizjat. Jidher li ntqal lill-konvenut li kienu ser jittiehdu proceduri l-Qorti kontra tieghu. Din ma kinitx minaccja ta'ghemil illecitu, izda

kienet dikjarazzjoni fattwali ta' dak li seta' jigri fil-futur u cioe' li s-socjeta attrici tesercita dritt sakrosant taghha li tibda proceduri l-Qorti. Lanqas ma kien hemm xi pressjoni zejda fuq il-konvenut meta ntqal lilu li s-socjeta attrici kien irrizultala li l-ispezeriji kienu hallsu lill-konvenut ghal-ordnijiet kollha li kienu ghamlu;

Il-konvenut jghid li l-ispizjar ta' Ghawdex mal-ordni kien jaghtih il-flus biex ihallas ghall-istess ordni u dan billi l-ispizjar kien jikkalkola kemm kienu ser jiswew il-medicini. Huwa jghid li meta kienu jigu konsenjati lilu l-medicini mis-socjeta attrici kien ihallas fil-pront bi flus kontanti. F'dan ir-rigward hu aktar verosimili dak li jsostnu dirigenti tas-socjeta attrici u cioe' li l-konvenut kien ihallas ghal medicinali b'lura u minhabba f'hekk il-konvenut halla li l-kont jitla mhux hazin.  In effett il-konvenut fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ma jeskludix li kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa ma hallax fil-pront. Inoltre jigi rilevat li l-konvenut mhux qed jikkontesta dak li qalu dirigenti tas-socjeta attrici fis-sens li ftit qabel ma gie ffirmat id-dokument in kwestjoni, l-istess konvenut hallas f'daqqa wahda s-somma ta' circa tlett elef liri maltin. Il-fatt li l-konvenut ghamel dan il-pagament ifisser li huwa kien jaf li l-kont tieghu mas-socjeta attrici kien thalla jitla mhux kazin;

Il-konvenut jghid ukoll li huwa ffirma il-karta minnghajr ma gie moqri lilu l-kontenut. Huwa jispecifika ukoll li ma talabx li jinqralu dan il-kontenut. Il-konvenut jghid li huwa qabad u ffirma. Jista jkun li l-konvenut qabad u ffirma peress li kien jaf li dawk l-ammonti kienu effettivament dovuti lis-socjeta attrici;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati. Mill-banda l-ohra t-talbiet attrici jirrizulta sufficjentement ippruvati b'mod partiklari in vista tad-dokument a fol.5;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin liri maltin tmenin centezmi u hames millezmi (Lm3,261.80,5) in kwantu ghas-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) immedjatament bl-imghaxxijiet kollha legali mil-25 ta' Jannar 1984 u kwantu ghar-rimanenti somma ta' elfejn mitejn u wiehed u sittin liri maltin tmenin centezmi u hames millezmi (Lm2,261.80,5) fi zmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza bl-imghaxxijiet kollha legali li ghandhom jibdew jiddekorru minn meta jiskadi l-imsemmi terminu ta' tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.